

32003D0424

L 144/9

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.6.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-6 ta' Ġunju 2003

li temenda d-Deċiżjoni 96/603/KE li tistabbilixxi l-lista tal-prodotti li jappartjenu għall-Klassijiet A "L-ebda kontribut għan-nar" prevista fid-Deċiżjoni 94/611/KE li timplimenta l-Artikolu 20 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE dwar il-prodotti tal-kostruzzjoni

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2003) 1673)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/424/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti tal-kostruzzjoni ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE tat-8 ta' Far 2000 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward tal-klassifikazzjoni tar-reazzjoni għall-azzjoni tan-nar tal-prodotti tal-kostruzzjoni ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/603/KE ⁽⁴⁾, kif emendata bid-Deċiżjoni 2000/605/KE ⁽⁵⁾, stabbiliet lista ta' prodotti li jappartjenu għall-Klassijiet A "L-ebda kontribut għan-nar" prevista fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/611/KE ⁽⁶⁾, li ddeskriviet is-sistema ta' klassifikazzjoni Ewropea sabiex tkun espressa r-reazzjoni reazzjoni għall-azzjoni tan-nar tal-prodotti tal-kostruzzjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni 94/611/KE ġiet mibdula bid-Deċiżjoni 2000/147/KE.
- (3) In-noti "Tikħil b'aġenti inorganiċi li jorbtu" fit-tabella li hemm fl-Anness mad-Deċiżjoni 96/603/KE għandha tiġi adattata għall-progress tekniku.

(4) Id-Deċiżjoni 96/603/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq,

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Kostruzzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fit-tabella li hemm fl-Anness mad-Deċiżjoni 96/603/KE, għat-"Tikħil b'aġenti inorganiċi li jorbtu", in-noti "Tikħil li jirrendi/li jkahlal u taħlit għal kontrabjut ta' l-art ibbażat fuq wieħed mill-aġenti li jorbtu inorganiċi jew aktar, eżempju: siment, ġir, siment taż-żrar u ġipsu" huma sostitwiti bil-kliem "Tikħil li jirrendi/li jkahlal u taħlit għal kontrabjut ta' l-art u tikħil taż-żrar ibbażat fuq wieħed mill-aġenti li jorbtu inorganiċi, eżempju: siment, ġir, siment taż-żrar u ġipsu".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 50, tat-23.2.2000, p. 14.

⁽⁴⁾ ĠU L 267, tad-19.10.1996, p. 23.

⁽⁵⁾ ĠU L 258, tat-12.10.2000, p. 36.

⁽⁶⁾ ĠU L 241, tad-19.9.1994, p. 25.